KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

**Minuti tar-Raba' ( 04 ) Laqgħa tas-Seba' ( 07 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 30 t'April 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fil-5.45 ta' filgħaxija wara li ingħatat in-nofs-siegħa sa ma jintlaħaq il-*kworum* meħtieġ .

Il-Kunsilliera kienu prezenti kif jidher hawn taht.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 5.30p.m. | 6.50p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 5.30p.m. | 6.50p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 5.30p.m. | 6.50p.m. |
| Is-Sur John Bray | skużat | |
| Is-Sur Raymond Tabone | 5.30p.m. | 6.50p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | assenti | |
| Is-Sur Jason Camilleri | 5.37p.m. | 6.50p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | Assenti. | |
| Is-Sur Anne Marie Fenech | skużata | |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 5.45p.m. | 6.50p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 5.45p.m. | 6.50p.m. |
| Is-Sur Carmel Hili | 5.40p.m. | 6.50p.m. |
| Is-Sna Jane Chircop | 5.30p.m. | 6.50p.m. |



**indku** : Mario Salerno
**iċi Sindku** : Alexander Bezzina
**unsilliera** : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, nne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
**ġent Segretarju Eżekuttiv** : George Abdilla

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Kienet preżenti wkoll is-Sinjura Romina Perici Ferrante li hija l-*accountant* tal-Kunsill.

Il-Laqgħa bdiet fis-5.40p.m.

**1.0 Sospensjoni tar-Regolamenti.**

Is Sindku s-Sur Mario Salerno, informa li kienet preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Perici Ferrante, u għalhekk talab u ġie approvat unanimament li 'ssir sospensjoni tar-regolamenti sabiex is-Sinjura Perici Ferrante tkun tista tispjega u twieġeb għal xi domandi li jixtiequ jagħmlu l-Kunsilliera.

**2.00 Skop tal-Laqgħa Msejħa b'Urġenza.**

Is-Sindku s-Sur Mario Salerno qal li din il-Laqgħa kienet ġiet imsejħa b'urġenza sabiex ikunu jistgħu jiġu approvati xi emendi li kienu sara fil-*Financial Statements* tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011. Dawn l-emendi kienu saru wara li sar l-awditjar tal-kontijiet mill-awdituri tal-Kunsill. Dan kien meħtieġ sabiex il-kontijiet jiġu ippreżentati lin-N.A.O. fil-ħin stipulat u jiġu evitati multi.

**3.00 *Emendi tal-Financial Statements* - 31ta' Dicembru 2011.**

Is-Sinjura Perici Ferrante spjegat fiex kienu jikkonsistu l-emendi li l-Kunsill kien qed jiġi mitlub japprova. Hija qalet li bażikament dawn l-emendi kienu jammontaw għal varjazzjoni ta' madwar Euro4,000 fid-dħul tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011. Dawn kienu jirriżultaw minn xi kalkoli fl-*accruals* ta' interessi fuq flus depożitati fil-banek u x'diversi spejjes żgħar li jew kienu iddaħlu fil-bidu tas-sena 2012 u li iżda kienu jirreferu għas-sena 2011.

Is-Sinjura Perici Ferrante spjegat fid-dettal fiex kienu jikkonsistu dawn l-emendi u rrispondiet għal domandi tal-Kunsilliera.

Il-Kunsilliera kienu sodisfatti bl-ispjegazjoni li ingħataw u l-*Financial Statements* ġew approvati unanimament kif emendati.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv il-*Financial Statements.*

**3.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgha spiccat fis-6.50 ta' filgħaxija..

**Mario Salerno**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Segretarju Ezekuttiv**

22 ta' Mejju 2012

ref. 55/4900/12/0SG